

Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en, es)

7426/2/26
REV 2 ADD 1 REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0408 (COD)

CODEC 470
JUSTCIV 43
ECOFIN 347
COMPET 344
JAI 364

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Spanja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Spanja tqis li l-progress fil-qafas legali tal-insolvenza huwa importanti biex il-kumpaniji tagħna jsiru aktar kompetittivi. Madankollu, qed nastjenu. Jiddispjaċina li t-test jintroduċi mill-ġdid il-kunċett legali tal-kumitat tal-kredituri, minkejja li huwa limitat għal kumpaniji kbar biss. Din l-istituzzjoni ġiet revokata żmien twil ilu minħabba l-inefficijenza u l-kostijiet għoljin tagħha. Aħna, bħal Stati Membri oħra, għandna mekkaniżmi oħra ta' protezzjoni tal-kredituri li huma aktar effiċjenti u li għandhom prestazzjoni tajba ferm.

It-test tat-Titolu IV tal-pre-pack mhuwiex ambizzjuż biżżejjed; missna għamilna aktar fir-rigward tal-mekkaniżmi għall-protezzjoni kontra l-abbużi mwettqa fil-frodi tal-kredituri. Kienet meħtieġa wkoll aktar ambizzjoni fil-mekkaniżmi li jippermettu l-kontinwità fl-attività tal-unità produttiva, sabiex in-nisġa tan-negozju tibqa' operazzjonali.